MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 915/2006

**Wesley Daniel Ellul (ID 221096M)**

**Vs**

**Citadel Insurance u b’digriet tat-2 ta’ Frar, 2007, it-Tribunal, jordna li fejn is-socjeta konvenuta jizdiedu l-ittri ‘P.L.C.’**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ Ottubru, 2006, fejn it-Tribunal gie mitlub jordna lis-socjeta` konvenuta Citadel Insurance plc tirrifondi lill-attur, u cioe l-assikurat taghha stess, is-somma ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) u dan rigward l-incident li sehh fis-17 ta’ Ottubru 2004 bejn il-vettura misjuqa mill-attur bin-numru ta’ registrazzjoni WES 555 u l-vettura misjuqa minn Jelena Hili bin-numru ta’ registrazzjoni JAS 349, liema incident sehh tort ta’ Jelena Hili u l-attur kien assigurat

Fully Comprehensive. Din is-somma thallset mill-attur lis-socjeta` konvenuta. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 4 ta' Lulju 2006.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet illi fl-ewwel lok l-isem ta' l-istess esponenti mhuwiex Citadel Insurance kif indikat fl-avviz tat-talba li bih giet notifikata l-istess socjeta` esponenti izda "Citadel Insurance p.l.c."

Preliminarjament, dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jiddeciedi l-vertenza odjerna li tinkwadra ruhha f'dawk il-vertenzi li l-mertu taghhom illum ghandu jigi deciz permezz ta' arbitragg dan kemm skond il-ligi u kif ukoll skond il-polza sottoskritta mill-partijiet.

Fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija ntempestiva in kwantu l-ammont reklamat isir dovut lill-attur biss wara li jigi deciz min hu responsabbli ghall- incident citat fl-avviz, mertu dan li wkoll jesporgi 'l barra mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant l-ebda "excess" m'huwa dovut f'dan l-istadju fin-nuqqas ta' gudikat dwar ir-responsabbilita` ghall-incident mertu tal-kawza odjerna.

Il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda ta' l-attur u ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra ili b'digriet tat-2 ta' frar 2007 saret korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta u b'hekk giet ezawrita l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess socjeta` konvenuta.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-provi u trattazzjoni dwar it-tieni eccezzjoni u fis-seduta tat-2 ta' Frar 2007 il-partijiet iddikjaraw illi ma ghandhomx aktar provi fuq it-tieni eccezzjoni, tratta l-istess eccezzjoni u l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni fuq l-istess eccezzjoni.

Ikkunsidra :

Illi bit-tieni eccezzjoni s-socjeta` konvenuta issostni illi dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti sabiex jiddeciedi l-vertenza odjerna li tinkwadra ruha f'dawk il-vertenzi li l-mertu taghhom illum ghandu jigi deciz permezz ta' arbitragg dan kemm skond il-ligi u kif wkoll skond il-polza sottoskritta mill-partijiet.

Illi klawsola 1.2 tat-Taqsima A tar-raba` Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta tghid espressament illi :

*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma` talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn :*

(a) *Kollizjoni bejn vetturi, jew*
(b) *Hsara involontarja fil-propjeta` li tinvolvi l-vetturi, jew*
*(c) Talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpanija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approvat…… jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista` tkun responsabbli dwarha, u*
*(d) Li il-valur taghha ma jkunx jecciedi l-hamest' elef Lira,*

*dawn ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg.*

Illi mix-xhieda ta' l-attur stess (2 ta' Frar 2007) jirrizulta illi l-pendenza illi huwa ghandu hija rizultat ta' incident awtomobilistiku illi huwa kien involut fih, u l-pretensjoni ta' l-attur hija r-rifuzjoni lura tas-somma ta' mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) li huwa hallas bhala 'excess', anke jekk ghadu ma jafx jekk kienx hemm ezitu dwar il-mertu per se tar-responsabbilita` ta' l-incident awtomobilistiku illi kien involut fih.

Illi apparti illi jidher car ghalhekk l-intempestivita` ta' l-azzjoni attrici – haga illi f'dan l-istadju mhux mertu ta' dan it-Tribunal – huwa pero` evidenti illi din il-pendenza

tinkwadra fl-ambitu tal-Artikolu fuq kkowtat mir-Raba` Skeda fuq ikkwotat mill-Kap 387.

F’dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal ihoss illi t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hija ghalhekk sostenibbli u ghandha tigi akkolta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jiddikjara illi ma ghandux gurisdizzjoni jisma` u jaqta` dan il-kaz fil-mertu tieghu, u ghalhekk jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-istess kaz.

Bl-ispejjes li ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------